MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 420/2005

**Charles Sammut li ghandu l-karta ta' l-identita' numru 648756 (M) ta' Greens Supermarket**

**Vs**

**Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm2450.00) li minnhom Lm2300 huma bilanc fuq somma akbar rappresentanti l-prezz ta' fridges, cheese counter, chiller u aluminium shelving skond l-iskrittura privata tal-11 ta' Dicembru 2004 (annessa u mmarkata bhala Dok CS1) u Lm150 rimbors tal-prezz tal-garr ta' l-imsemmija oggetti.

Bl-imghax mit-18 ta' Dicembru 2005 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Frar 2005, tal-ittra ufficjali tal-

21 ta’ April 2005, tac-cedola ta’ depositu u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ippresentat kontestwalment mal-presenti kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-atti a fol 2 u fol 3 u mmarkat Dok CS1.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta’ Frar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' Lm2450.00 bl-imghax legali mit-18 ta’ Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittra legali tal-1 ta’ Frar 2005, ta’ dik ufficjali tal-21 ta’ April 2005, bic-cedola ta’ depozitu msemmija fl-istess avviz u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tal-20 ta’ Gunju 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------